MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Numru 152/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Kylie Borg**
**vs**
**Luke Bugeja**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Luke Bugeja** ta’ 27 sena, bin Carmel u Mary Anne xebba Muscat, imwieled Pieta’, nhar il-15 ta’ Marzu, 1985, residenti f’indirizz mhux maghruf, detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 170785M;

Akkuzat talli fit-13 ta’ Frar, 2013, gewwa l-Qrati ta’ Malta fil-Belt Valletta, ghall-habta tan-nofs siegha ta’ wara nofsinhar;

a) ingurja jew hedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe’

lill-ispettur Saviour Baldacchino, Spettur James Grech u PS 1268 Ivan Caruana waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

b) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hekk, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ lill-ispettur Saviour Baldacchino, Spettur James Grech u PS 1268 Ivan Caruana filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

c) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna diversi offizi fuq il-persuni ta’ l-Ispettur Saviour Baldacchino, l-Ispettur James Grech u PS 1268 Ivan Caruana liema offizi jitqiesu li huma hfief;

d) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ persuni inkarigati minn servizz pubbliku, u cioe’ lill-ispettur Saviour Baldacchino, Spettur James Grech u PS 1268 Ivan Caruana jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-kodici jew ta’ ligi ohra;

e) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

U aktar kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta’ liberta kondizzjonata ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta, presjeduta mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D nhar is-6 ta’ Frar, 2013, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-14 ta’ Frar, 2013 sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata bl-procedura sommarja fit-termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-imputat irregistra n-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu sabiex il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel seduta tal-14 ta’ Frar, 2013;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 95, 96, 221 338(ee) u (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija tieghu kif ukoll tal-apologija tieghu.  Wara li hadet in konsiderazzjoni s-sentenza appena moghtija lill-imputat mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta’ Frar 2013 fejn inheles b’kondizzjoni ghal-zmien sena.  Hadet ukoll in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz minn fejn jemergi illi l-imputat qieghed jirreagixxi b’mod negattiv ghall-zviluppi li sehhew f’hajtu recentement dwar liema l-imputat jehtieg li jifhem illi ma jistghax jagixxi b’dan il-mod u li inoltre jehtieg li juri rispett lejn is-socjeta u lejn l-awtoritajiet edatti proprju biex jipprotegguha, hija tal-fehma illi piena karcerarja mhix indikata f’dan l-istadju b’dan illi l-Qorti mhix tal-fehma illi ghandha timponi fuqu xi forma ta’ kontroll;

Ghalhekk il-Qorti qed tqieghed lill-imputat taht il-harsien ta’ ufficcjal tal-probation ghal perjodu ta’ tlett snin mill-lum fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza u accertat ruhha illi huwa fehem dan kollu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------